MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 8/2004

**Joseph Cassar**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Gunju 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Decizjoni appellata:-

*'Wara li l-Bord tal-Korriment fuq ix-Xoghol rega' ezamina lilek u wara li gie kkunsidrat ic-certifikat mediku li inti wrejt fuq il-korriment li garrabt fl-10/12/2001, il-Bord sab li d-decizjoni li ttiehdet mill-Bord ta' qabel fid-data 09/12/2002 meta inti gejt intitolat disabilita` ta' 10% fil-mija, ghadha valida.'*

L-Appell:-

*‘Jien inhoss li d-decizjoni tad-Direttur mhix gusta peress li l-professur li ghamilli l-operazzjoni u jezaminani l-isptar, jikkalkula d-dizabilita` tieghi ghall-25% li hi ferm il-boghod minn dik ikkalkulata mill-bord mediku. Jien inhoss li dan huwa ta’ ingustizzja fil-konfront tieghi.’*

Risposta tad-Direttur:-

*‘ Id-Direttur qed jissottometti:*

*1. Kopja ta’ l-applikazzjoni.*

*2. Kopja tar-rapport mediku datat 9/12/2002 mahrug mill-Bord appuntat u li kien jinkludi fost il-membri specjalista fl-ortopedija;*

*3. Kopja tar-rapport mediku datat 8/3/2004 mahrug mill-Bord appuntat u li kien jinkludi fost il-membri specjalista fl-ortopedija;*

*Il-Bordijiet li kien jinkludu fost il-membri taghhom specjalista fl-ortopedija sabu li l-appellant sofra dizabilita` permanenti ta’ 10%.’*

Ghalkemm l-appellant pprezenta certifikat mediku ta’ l-ispecjalista kuranti tieghu, jirrizulta li qabel ma d-Direttur ha d-decizjoni appellata, ha l-parir tal-Bord Mediku inkluz specjalista ortopediku. Ghalhekk mhux indikat li l-kaz jerga’ jigi riferut lill-Bord Mediku.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell.”

Ir-rikorrenti Joseph Cassar appella minn din is-sentenza u talab il-varjazzjoni taghha fuq il-bazi ta’ l-aggravju illi l-ammont ta’ dizabilita` permanenti stabbilit mill-Bord

Mediku ma kienx jirrifletti dak realment minnu soffert u ffissat mill-konsulent ortopediku *ex parte*;

Jirrizulta illi l-appellant sofra korriment fl-10 ta' Dicembru 2001 u htieglu jigi operat. Skond il-Professur Anthony Bernard, l-irkoppa ta' l-appellant "*will be subject to accelerated post-traumatic osteoarthritis and will need further surgery in the future, culminating in a joint replacement that must be postponed for the time being in view of the patient's relatively young age.*" L-imsemmi konsulent ortopediku mbaghad ghadda biex ikkonkluda li r-rata ta' dizabilita` tal-pazjent kienet dik ta' 25%. Ara rapport mediku formanti parti mill-atti ta' l-inkartament;

Il-Bord Mediku, invece, wara li rega' ezamina lill-appellant fid-9 ta' Marzu 2004 irrikkonferma dizabilita` ta' 10%, kif precedentement stabbilit minnu fid-9 ta' Dicembru 2002;

L-appellanti, skond id-dritt lilu konferit mill-Kapitolu 318, irrefera l-kaz lill-Arbitru fit-termini ta' l-Artikolu 108 (1) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, liema dispost jahseb *inter alia*, ghal kaz dwar decizjoni tad-Direttur dwar talba taht l-Artikolu 106 tal-ligi. Kif jinghad fis-subinciz (9) ta' l-Artikolu 108 l-Arbitru kellu jikkonsidra l-kaz skond il-principji tal-gustizzja u ekwita`. Fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemu l-Arbitru hass li ma kienx indikat li l-kaz ta' l-appellant jerga' jigi riferut lill-Bord Mediku u gie ghalhekk li hu accetta bhala attendibbli l-persentagg ta' dizabilita` kif prefiss mid-Direttur fuq il-parir tal-Bord Mediku;

Inbubbjament id-decizjoni ta' l-Arbitru, li kkonfermat dik tad-Direttur, hi wahda determinata mic-cirkostanza ta' fatt sostenuta minn panel ta' esperti medici, fosthom specjalista ortopediku. Dan il-panel stabbilixxa l-grad ta' dizabilita` li l-appellant jikkontesta in kwantu, skond hu, l-espert ortopediku nkarigat minnu stabbilixxa rata ghola ta' dizabilita`;

Tkun prezunzjoni tal-Qorti li tghid jekk kellux ikun accettat il-grad wiehed jew l-iehor tad-dizabilita` subit mill-appellant fl-incident sfortunat li ssubixxa. Kull ma tista' taghmel f' kazijiet ta' din ix-xorta hu dak li tara jekk l-Arbitru fl-ezercizzju tal-konsiderazzjonijiet tieghu segwiex id-dettami tal-gustizzja u ta' l-ekwita`;

Innegabilment, ma jistax certament jinghad illi d-Direttur ma segwiex l-osservanza tal-ligi ghaliex dan irrefera l-kaz lil panel tat-tobba mahtura mill-Ministru bil-ghan li jaghtu parir dwar il-qaghda medika ta' l-appellanti konsegwenti ghall-korriment. Dan skond id-dettami tal-proviso (a) ta' l-Artikolu 106;

Huwa aktar minn ovvju, imbaghad, illi l-Arbitru kien sodisfatt illi d-Direttur ikkonsulta ruhu mal-panel mediku qabel ma ha d-decizjoni tieghu u li inoltre, in kwantu ghall-aspett mediku, l-appellant gie ezaminat minn specjalista ortopediku kompetenti, li, flimkien mat-tobba l-ohra, offra l-parir tieghu dwar il-kondizzjoni medika ta' l-appellant u dan f' aktar minn okkazjoni wahda. Jekk l-appellant ma rnexxielux jikkonvinci lil dawn l-esperti medici bl-opinjoni medika *ex parte* tal-konsulent ortopediku tieghu dan ma jfisserx illi l-Arbitru, kif hekk sottomess, injora dan ir-rapport, jew li d-decizjoni tieghu ma kienetx konformi mal-precetti tal-ligi. Ifisser biss li hu hassu aktar konvint minn dak certifikat mill-panel mediku dwar il-kondizzjoni medika ta' l-appellant fil-mument li dan gie ezaminat. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-appell interpost ma jistax jircievi akkoljiment favorevoli.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata ta' l-Arbitru, konfermata. Fic-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------